

Brussell, 14 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15615/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0143(COD)

CLIMA 259
ENV 910
TRANS 653
MI 1002
CODEC 2353

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14874/18
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO ₂ għal vetturi tqal ġodda - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha fis-17 ta' Mejju 2018. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jstabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għal vetturi tqal ġodda u b'hekk jgħin lill-Istati Membri jilħqu l-miri tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2018/842 (ir-"Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi"), li jirrigwarda l-emissjonijiet minn setturi barra mill-ambitu tal-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

2. Ir-Regolament propost jistabilixxi mira ġenerali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-flotta ta' vetturi tqal ġodda tal-UE ta' 15% mill-2025 'il quddiem meta mqabbel mal-livelli ta' emissjonijiet tal-2019 u mira ta' tnaqqis mixtieqa ta' mill-anqas 30% mill-2030 'il quddiem. Skont il-proposta, il-mira finali mill-2030 'il quddiem ser tiġi kkonfermata skont ir-rieżami li ser titwettaq fl-2022. Barra minn hekk hija tissuġġerixxi li, bħala parti mir-rieżami, l-ambitu tal-istandards għandu jiġi estiż għal trakkijiet iżgħar, xarabanks, kowċijiet u trejlers. Vetturi vokazzjonali, bħal trakkijiet tal-kostruzzjoni, trakkijiet taż-żibel, u mixers tal-konkrit huma eżentati mill-miri tas-CO₂.
3. Biex ikunu pprovduti inċentivi għall-iżvilupp u l-użu fuq is-suq tal-UE ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi jew mingħajr emissjonijiet (ZLEVs) li ma jkunux għadhom soġġetti għall-miri tal-emissjonijiet tas-CO₂ skont ir-Regolament propost, dan tal-aħħar jipproponi sistema ta' "kreditu supplementari" li biha tali vetturi jingħaddu bħala aktar minn vettura waħda fl-ikkalkular tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur. Il-kreditu supplementari jkunu soġġetti għal limiti massimi definiti minn qabel biex jiġi evitat li jiddgħajfu l-oġġettivi ambjentali tar-Regolament.
4. Sabiex tiġi promossa implimentazzjoni kosteffettiva, il-proposta tipprevedi t-tfaddil u s-self ta' kreditu tas-CO₂. Piena finanzjarja, f'forma ta' primjum għal emissjonijiet eċċessivi, hija prevista f'każ ta' nonkonformità mal-miri tas-CO₂. Barra minn hekk, il-proposta tipprevedi miżuri biex tkun żgurata d-disponibbiltà ta' data robusta u rappreżentattiva minn manifatturi dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum ta' karburant.
5. Fid-9 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill (Ambjent) kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar żewġ kwistjonijiet prinċipali tal-proposta: il-miri proposti u s-sistema ta' inċentivi ssuġġerita għal vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi.
6. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar l-emendi tiegħu għall-proposta tal-Kummissjoni fil-plenarja tal-14 ta' Novembru 2018 (bi 373 vot favur, 285 vot kontra u 16-il astensjoni).
7. Wara diskussjoni dettaljata tal-proposta fil-livell tekniku, fis-7 ta' Diċembru 2018, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) eżamina l-proposta abbażi ta' kompromess tal-Presidenza¹.

¹ dok. 14874/18

8. Abbażi tad-diskussjoni fil-Coreper, il-Presidenza ħejjiet test ta' kompromess kemxejn aġġustat bħala bażi għad-diskussjoni fil-Kunsill (Ambjent) tal-20 ta' Diċembru, li għandu l-għan li jilħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta. Il-kompromess rivedut tal-Presidenza jinsab fl-Anness għal din in-nota.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

9. Il-kwistjonijiet pendenti prinċipali tal-proposta jirrelataw mal-miri għall-2025 u l-2030 u l-inċentivi għal ZLEVs.
- Rigward il-miri, il-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet huma maqsuma bejn dawk li jappoġġaw il-miri fil-proposta tal-Presidenza, li ssegwi l-approċċ tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni, u dawk li jitolbu miri aktar ambizzjużi. B'mod partikolari, numru ta' delegazzjonijiet jissuġġerixxu li l-mira għall-2030 għandha tistabbilixxi livell ta' 30% jew ogħla, u li għandu jkun vinkolanti u jkun jista' biss jiġi rivedut 'il fuq fir-rieżami fl-2022. Xi ftit delegazzjonijiet kienu wkoll favur li l-mira proposta għall-2025 tiżdied għal 20%.
 - Fir-rigward tal-għażla ta' sistema ta' inċentiva għall-iżvilupp u l-mobilizzazzjoni ta' ZLEVs, fuq it-talba ta' numru kbir ta' delegazzjonijiet, il-Presidenza kienet iddeċidiet li teskludi l-karozzi tal-linja u l-kowċijiet mis-sistema ta' inċentiva fit-test ta' kompromess ippreżentat lil Coreper. Xi ftit delegazzjonijiet huma kontra l-esklużjoni tagħhom. Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet jissuġġerixxu li s-sistema ta' super kreditu mill-2025 'il quddiem tiġi sostitwita minn sistema bbażata fuq punti ta' riferiment għal bejgħ annwali ta' ZLEVs b'limitu ta' 3%. Xi delegazzjonijiet oħra esprimew appoġġ mal-proposta ta' kompromess tal-Presidenza attwali fejn l-introduzzjoni ta' sistema ta' punti ta' riferiment mill-2050 'il quddiem tkun ikkunsidrata bħala parti mir-rieżami.
10. Fil-Coreper, numru ta' delegazzjonijiet oħra appoġġaw introduzzjoni mill-ġdid ta' referenza għal kombinazzjonijiet ta' vetturi itwal u itqal, jiġifieri Kunċetti Modulari (EMS). Suġġerimenti oħra, li kisbu xi appoġġ fil-Coreper, jinkludu dan li ġej: it-tnaqqis tal-livell tal-penali applikabbli matul il-perijodu sal-2025; il-kunsiderazzjoni fir-rieżami wkoll ta' fjuwils sintetiċi u alternattivi fil-kuntest tas-sistema ta' inċentiva; u s-sostituzzjoni tad-definizzjoni proposta attwalment ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi b'limitu speċifiku ta' sottogrupp li jieħu kont tal-emissjonijiet speċifiċi tal-grupp.

Wara d-diskussjoni fil-Coreper, il-Presidenza żammet il-bidliet suġġeriti fil-proposta ta' kompromess preċedenti iżda tipproponi żieda fil-premessa 34 dwar ir-rieżami li jirreferi għal kunċetti modulari u intramodulari².

III. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kunsill (Ambjent) huwa mistieden isolvi l-kwistjonijiet pendenti u jadotta approċċ ġenerali abbażi tat-test kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.

L-approċċ ġenerali ser jikkostitwixxi l-mandat tal-Kunsill għan-negozjati mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-Proċedura Legiſlattiva Ordinarka.

² Barra minn hekk, saru xi bidliet ta' natura teknika.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jstabilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att legiſlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja legiſlattiv,

Billi:

- (1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "Strateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi" tistabilixxi ambizzjoni ċara: sa nofs is-seklu, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport jeħtieġ ikunu mill-anqas 60 % inqas milli kienu fl-1990 u jkunu qed joqorbu sew lejn iż-zero. Anki l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa tal-arja mit-trasport li jagħmlu ħsara lil saħħitna jeħtieġ jonqsu drastikament mingħajr dewmien.

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU C , , p. .

- (2) Wara dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni adottat żewġ pakketti tal-mobbiltà f'Mejju⁵ u f'Novembru 2017⁶. Dawn il-pakketti jistabbilixxu aġenda pożittiva li għandha wkoll l-għan li tiżgura transizzjoni bla xkiel lejn mobbiltà nadifa, kompetittiva u konnessa għal kulħadd.
- (3) Dan ir-Regolament huwa parti mit-tielet pakkett tal-mobbiltà tal-Kummissjoni intitolat "L-Ewropa Attiva", li jagħti segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Ninvestu f'industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli: "Ninvestu f'industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli: Strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE"⁷, u tfassal biex ilesti l-proċess ħalli l-Unjoni tkun tista' taħsad il-benefiċċji kollha tal-modernizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-mobbiltà. Dan it-tielet pakkett tal-mobbiltà għandu l-għan li jagħmel il-mobbiltà Ewropea aktar sikura u aktar aċċessibbli, l-industrija Ewropea aktar kompetittiva, l-impjiegi Ewropej aktar siguri, u s-sistema tal-mobbiltà aktar nadifa u adattata aħjar għall-isforzi li jitħabtu kontra t-tibdil fil-klima. Dan ser ikun jeħtieġ l-impenn sħiħ tal-Unjoni, tal-Istati Membri u tal-partijiet konċernati, l-aktar biex jissaħħu l-isforzi li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ u t-tniġġis tal-arja.
- (4) Minbarra l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief⁸, dan ir-Regolament jipprovdi perkors ċar għal tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ mis-settur tat-trasport bit-triq u jikkontribwixxi għall-mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra mal-ekonomija kollha sal-2030 meta mqabbel mal-1990, kif kien approvat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014, u kif kien approvat mill-Kunsill fis-6 ta' Marzu 2015 bħala l-Kontribut Maħsub tal-Unjoni Determinat fil-Livell Nazzjonali skont il-Ftehim ta' Pariġi [...].

⁵ L-Ewropa Attiva: Aġenda għal transizzjoni soċjalment ġusta lejn mobbiltà nadifa, kompetittiva u konnessa għal kulħadd, COM(2017) 283 final.

⁶ It-twettiq ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi – Unjoni Ewropea li tipproteġi l-pjaneta, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi tagħha u tiddefendi l-industrija u l-ħaddiema tagħha, COM(2017) 675 final.

⁷ Ninvestu f'industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli - Strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE, COM(2017) 0479 final.

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007, (ĠU L, ..., ..., p.).

- (5) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 approvaw tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' 30 % sal-2030 meta mqabbel mal-2005 għas-setturi li mhumiex parti mill-iskema tal-Unjoni għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet. It-trasport bit-triq hu kontribut ewlieni għall-emissjonijiet ta' dawk is-setturi u l-emissjonijiet tiegħu jibqgħu ferm ogħla mil-livelli tal-1990. Jekk l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq jibqgħu jiżdiedu, dan ser jisboq it-tnaqqis li jagħmlu setturi oħra kontra t-tibdil fil-klima.
- (6) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 enfasizzaw l-importanza li jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u r-riskji relatati mad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fis-settur tat-trasport permezz ta' approċċ komprensiv u teknoloġikament newtrali għall-promozzjoni tat-tnaqqis fl-emissjonijiet u tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fit-trasport, għal trasportazzjoni elettrika u għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport ukoll wara l-2020.
- (7) Il-kontribut tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija għall-moderazzjoni tad-domanda huwa waħda mill-ħames dimensjonijiet relatati mill-qrib u li jsaħħu lil xulxin stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija"⁹ bil-għan li l-konsumaturi fl-Unjoni jingħataw enerġija sikura, sostenibbli, kompetittiva u għall-but ta' kulħadd. Skont il-Komunikazzjoni, filwaqt li s-setturi ekonomiċi kollha jridu jagħtu sehemhom biex tiżdied l-effiċjenza fil-konsum tal-enerġija tagħhom, it-trasport għandu potenzjal enormi ta' effiċjenza fl-enerġija [...].
- (8) L-emissjonijiet tas-CO₂ mill-vetturi tqal, inkluż it-trakkijiet, ix-xarabanks u l-kowċis, jirrappreżentaw madwar 6 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ totali fl-Unjoni u madwar 25 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ totali tat-trasport bit-triq. Jekk ma titteħidx azzjoni ulterjuri, is-sehem tal-emissjonijiet mill-vetturi tqal hu mistenni jiżdied b'madwar 9 % bejn l-2010 u l-2030. Bħalissa, id-dritt tal-Unjoni ma jistabbilixxi l-ebda rekwiżit ta' tnaqqis tas-CO₂ għall-vetturi tqal.

⁹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat Tar-Reġjuni u l-Bank Ewropew għall-Investment: Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem (COM(2015) 80 final).

- (9) Sabiex jintlaħaq bis-sħiħ il-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika u jkun żgurat li s-settur tat-transport bit-triq kollu kemm hu jikkontribwixxi għat-tnaqqis miftiehem fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, jixraq li l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ diġà eżistenti għall-karozzi tal-passiġġieri ġodda u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda jiġu kkumplimentati billi jiġu stabbiliti standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda. Dawn l-istandards ser jixprunaw l-innovazzjoni f'teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, u jikkontribwixxu biex tissaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-fornituri u tal-manifatturi tal-Unjoni.
- (10) Filwaqt li jitqiesu li t-tibdil fil-klima huwa problema transfruntiera u l-ħtieġa li jitħares suq uniku li jiffunzjona sew kemm għas-servizzi tat-transport bit-triq u anki għall-vetturi tqal, jixraq li jiġu stabbiliti standards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li daww l-istandards [...] ikunu mingħajr preġudizzju għal-liġi dwar il-kompetizzjoni.
- (11) Meta jkunu qed jiġu ddefiniti l-livelli tat-tnaqqis li jenħtieġ tilħaq il-flotta tal-vetturi tqal tal-Unjoni, jenħtieġ li jitqiesu l-effikaċja ta' daww il-livelli tat-tnaqqis fejn jidħol il-kontribut kosteffettiv li jagħtu biex jonqsu l-emissjonijiet mis-setturi koperti [...] bir-Regolament [...] (UE) Nru 2018/842¹⁰ sal-2030, l-ispejjeż u l-iffrankar li jkollhom is-soċjetà, il-manifatturi, l-operaturi tat-transport, u l-konsumaturi, kif ukoll l-implikazzjonijiet diretti u indiretti tagħhom fuq l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kobenefiċċji ġġenerati mil-lat ta' tnaqqis fit-tniġġis tal-arja u sigurtà aħjar tal-enerġija.

¹⁰ Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013, ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26-42.

- (12) Iddaħħlet proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil ta' vetturi tqal individwali, bħala parti mill-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 595/2009¹¹. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400¹² jipprovdi metodoloġija, abbażi tal-għodda VECTO, li permezz tagħha jistgħu jiġu simulati l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-fjuwil ta' vetturi tqal sħaħ. Il-metodoloġija tippermetti li jitqiesu d-diversità tas-settur tal-vetturi tqal u l-grad għoli ta' personalizzazzjoni tal-vetturi individwali. Bħala l-ewwel pass, mill-1 ta' Lulju 2019, l-emissjonijiet tas-CO₂ jiġu ddeterminati għal erba' gruppi ta' vetturi tqal li jammontaw għal madwar 65 % sa 70 % tal-emissjonijiet kollha tas-CO₂ għall-flotta tal-vetturi tqal tal-UE.
- (13) Fid-dawl tal-innovazzjoni u biex titqies l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda li jtejbju l-effiċjenza tal-fjuwil tal-vetturi tqal, l-għodda tas-simulazzjoni VECTO u r-Regolament (UE) 2017/2400 ser jiġu aġġornati kontinwament u fil-ħin.
- (14) Id-data dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ iddeterminata skont ir-Regolament (UE) 2017/2400 trid tiġi monitorjata skont ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³. Jenħtieġ li dik id-data tiffirma l-bażi biex jiġu ddeterminati l-miri tat-tnaqqis li jridu jilhqqu l-erba' gruppi ta' vetturi tqal li jiġġeneraw l-iżjed emissjonijiet fl-Unjoni, u biex jiġu ddeterminati wkoll l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur f'perijodu ta' rapportar partikolari.

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE

¹² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L 349, 29.12.2017, p. 1).

¹³ Ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi heavy-duty ġodda u l-konsum tal-fjuwil tagħhom, ĠU L 173, 9.7.2018, p.1.

- (15) Jenħtieġ li tiġi stabbilita mira tat-tnaqqis għall-2025 bħala tnaqqis relattiv ibbażat fuq l-emissjonijiet tas-CO₂ medji ta' dawk il-vetturi tqal li ġew irreġistrati għall-ewwel darba fil-perijodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020, li tkun tirrifletti l-użu ta' teknoloġiji kosteffettivi disponibbli faċilment għall-vetturi konvenzjonali. Il-mira għat-tnaqqis bi 30% għall-2030 [...] jenħtieġ titqies bħala aspirazzjoni u l-mira finali mill-2030 'il quddiem jenħtieġ tiġi kkonfermata skont rieżami li jrid isir fl-2022 għax hemm aktar inċertezzi dwar l-użu ta' teknoloġiji aktar avvanzati li għadhom mhumiex disponibbli. Fejn mira ogħla mill-2030 'il quddiem ma tiġix ikkonfermata, ir-rata tat-tnaqqis stabbilita mill-2025 'il quddiem jenħtieġ li tibqa' tapplika.
- (15a) Sabiex tiġi żgurata r-robustezza tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi li tkun qed tiżdied permezz ta' mezzi proċedurali mhux dovuti, li ma jirrappreżentax sitwazzjoni fejn l-emissjonijiet tas-CO₂ diġà huma regolati, huwa adatt li tiġi pprovduta metodoloġija għall-korrezzjoni tal-emissjonijiet ta' referenza fejn ikun meħtieġ.
- (16) Il-gass naturali likwifikat (LNG) hu fjuwil alternattiv disponibbli għad-diżil għall-vetturi tqal. L-użu ta' teknoloġiji attwali u futuri aktar innovattivi u bbażati fuq l-LNG ser jgħin biex jintlaħqu l-miri tal-emissjonijiet tas-CO₂ fit-terminu qasir u medju għax l-użu tat-teknoloġiji tal-gass naturali likwifikat (LNG) iwassal għal inqas emissjonijiet tas-CO₂ meta mqabbel mal-vetturi li jaħdmu bid-diżil. Il-potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi bl-LNG diġà hu rifless għalkollox fil-VECTO. Minbarra dan, it-teknoloġiji attwali tal-LNG jiżguraw livell baxx ta' emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja bħall-NO_x u l-materja partikulata. Fis-seħħ teżisti infrastruttura minima biżżejjed għar-riforniment u qed tintuża iżjed bħala parti minn oqfsa ta' politika nazzjonali għal infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.
- (17) Fil-kalkolu tal-emissjonijiet ta' referenza [...] li jservi bħala bażi biex jiġu determinati l-miri tat-tnaqqis għall-2025 u għall-2030, jenħtieġ jitqies il-potenzjal tat-tnaqqis mistenni fil-flotta tal-vetturi tqal [...]. Għaldaqstant jixraq li l-vetturi vokazzjonali jiġu esklużi minn dak il-kalkolu, fosthom il-vetturi użati għall-ġbir tal-iskart jew għall-kostruzzjoni. Dawk il-vetturi għandhom kilometraġġ relattivament baxx u, minħabba x-xejriet tas-sewqan speċifiċi tagħhom, ma jidhirx li miżuri tekniċi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-konsum tal-fjuwil huma kosteffettivi bħalma huma għall-vetturi tqal użati għall-ġarr tal-merkanzija.

- (18) Jenħtieġ li r-rekwiżiti tat-tnaqqis tas-CO₂ jiġu espressi fi grammi ta' CO₂ għal kull tunnellata/kilometru biex jirriflettu l-utilità tal-vetturi tqal.
- (19) Jeħtieġ tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tar-rekwiżiti tat-tnaqqis ġenerali fost il-manifatturi, filwaqt li titqies id-diversità tal-vetturi tqal fejn jidħlu d-disinn tagħhom u x-xejriet tas-sewqan, il-kilometraġġ annwali, it-tagħbija utli u l-konfigurazzjoni tat-trejler. Għalhekk jixraq li ssir distinzjoni bejn il-vetturi tqal skont subgruppi differenti u separati ta' vetturi li jirriflettu x-xejra tipika tal-użu tal-vetturi u karatteristiċi tekniċi speċifiċi. Bl-istabbiliment ta' miri speċifiċi annwali għall-manifatturi bħala medja ponderata tal-miri ddefiniti għal kull subgrupp bħal dan, il-manifatturi jkunu qed jingħataw il-mezzi biex jibbilanċjaw b'mod effettiv xi sottoprestazzjoni possibbli ta' vetturi f'ċerti subgruppi bis-superament f'subgruppi oħra ta' vetturi, filwaqt li jkunu qed jitqiesu l-emissjonijiet tas-CO₂ medji tul il-ħajja tal-vetturi f'subgruppi differenti.
- (20) Jenħtieġ tiġi vvalutata l-konformità tal-manifattur mal-miri speċifiċi annwali tiegħu abbażi tal-emissjonijiet tas-CO₂ medji tiegħu. Jenħtieġ li għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi medji jitqiesu wkoll l-ispeċifitàjiet li huma riflessi fil-miri tas-subgruppi differenti tal-vetturi. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi medji ta' manifattur jiġu bbażati fuq l-emissjonijiet medji ddeterminati għal kull subgrupp, inkluż ponderazzjoni bbażata fuq il-kilometraġġ annwali medja preżunta u t-tagħbija utli medja tagħhom, li tirrifletti l-emissjonijiet tas-CO₂ totali tul il-ħajja. Minħabba l-potenzjal tat-tnaqqis limitat tal-vetturi professjonali, jenħtieġ li dawn il-vetturi ma jitqisux għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji.

- (21) Kuntrarjament għall-karozzi u l-vannijiet, il-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi għadhom mhumiex disponibbli fis-suq, għajr ix-xarabanks. Għalhekk jenħtieġ jiddaħħal mekkaniżmu apposta, fil-forma ta' krediti supplementari, biex teħfief it-transizzjoni bla xkiel lejn mobbiltà mingħajr emissjonijiet. Dan jipprovdi inċentivi għall-iżvilupp u l-użu ta' vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi fis-suq tal-Unjoni li jikkumplimentaw l-istrumenti tan-naħa tad-domanda, bħad-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Vetturi Nodfa¹⁴.
- (22) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur, kull vettura tqila mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi jenħtieġ għalhekk tingħadd għal ħafna drabi, li jirriżulta fi tnaqqis fil-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' dak il-manifattur. Jenħtieġ li l-livell tal-inċentivi jvarja skont l-emissjonijiet tas-CO₂ attwali tal-vettura. Biex jiġi evitat li jiddgħajfu l-għanijiet ambjentali, it-tnaqqis li jirriżulta jenħtieġ ikun soġġett għal limitu massimu.
- (23) Jenħtieġ li l-vetturi tqal b'emissjonijiet baxxi jiġu inċentivati biss jekk l-emissjonijiet tas-CO₂ tagħhom ikunu inqas minn madwar nofs l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' medja tal-flotta kollha tal-Unjoni fl-2025. Dan hu konsistenti mal-approċċ meħud għall-vetturi ħfief u jkun jinċentiva l-innovazzjoni f'dan il-qasam
- (24) Meta jkun qed jitfassal il-mekkaniżmu tal-inċentivi għall-użu tal-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet, dan jenħtieġ li jinkludi wkoll it-trakkijiet iżgħar [...] li mhumiex soġġetti għall-miri tal-emissjonijiet tas-CO₂. Dawn il-vetturi għandhom benefiċċji sinifikanti wkoll meta jgħinu biex jingħelbu l-problemi tat-tniġġis tal-arja fl-ibliet. [...] Biex ikun żgurat li l-inċentivi huma bbilanċjati sew bejn it-tipi differenti ta' vetturi, jenħtieġ li t-tnaqqis fil-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur li jirriżulta mit-trakkijiet iżgħar [...] mingħajr emissjonijiet ikun soġġett ukoll għal limitu massimu.

¹⁴ Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija kif emendata bid-Direttiva .../.../UE [COM(2017) 653 final] (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5).

- (25) Biex tiġi promossa implimentazzjoni kosteffettiva tar-rekwiżiti tat-tnaqqis tas-CO₂, filwaqt li jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-kompożizzjoni tal-flotta u l-emissjonijiet tul is-snin, il-manifatturi jenħtieġ ikunu jistgħu jibbilanċjaw is-superament tagħhom fil-konformità mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tagħhom f'sena b'sottoprestazzjoni f'xi sena oħra.
- (26) Biex jiġi inċentivat it-tnaqqis bikri, jenħtieġ li l-manifatturi b'emissjonijiet speċifiċi medji inqas mit-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet definiti mill-emissjonijiet ta' referenza [...] u l-mira tal-2025, ikunu jistgħu jibbankjaw dawk il-krediti tal-emissjonijiet għall-finijiet tal-konformità mal-mira fl-2025. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-manifatturi b'emissjonijiet speċifiċi medji inqas mit-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-miri bejn il-mira għall-2025 u l-mira applikabbli mill-2030 'il quddiem, ikunu jistgħu jibbankjaw dawk il-krediti tal-emissjonijiet għall-finijiet tal-konformità mal-miri fil-perijodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2030.
- (27) Jekk ikollhom nuqqas ta' konformità mal-mira tal-emissjonijiet speċifika tagħhom f'xi wieħed mill-perijodi ta' 12-il xahar li jibda mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2030, jenħtieġ li l-manifatturi jkunu jistgħu jiksbu wkoll dejn limitat tal-emissjonijiet. Iżda sat-30 ta' Ġunju 2030, il-manifatturi jenħtieġ ixejnu kull dejn tal-emissjonijiet li jkun fadal.
- (28) Il-krediti u d-djun tal-emissjonijiet jenħtieġ jitqiesu biss għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-konformità ta' manifattur mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu u mhux bħala assi li huma trasferibbli jew soġġetti għal miżuri fiskali.
- (29) Il-Kummissjoni jenħtieġ timponi penali finanzjarja, fil-forma ta' primjum għall-emissjonijiet żejda, meta manifattur jinstab li għandu emissjonijiet żejda, filwaqt li jitqiesu l-krediti u d-djun tal-emissjonijiet. Biex il-manifatturi jingħataw inċentiv biżżejjed ħalli jieħdu miżuri biex inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi mill-vetturi tqal, il-primjum jenħtieġ ikun oġhla mill-ispejjeż marġinali medja tat-teknoloġiji meħtieġa biex jintlaħqu l-miri. Jenħtieġ li l-primjum jitqies bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-metodoloġija għall-ġbir tal-primjums jenħtieġ tiġi ddeterminata permezz ta' att ta' implimentazzjoni, filwaqt li titqies il-metodoloġija adottata skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009.

- (30) Hemm bżonn mekkaniżmu robust tal-konformità ħalli jkun żgurat li jintlaħqu l-miri skont dan ir-Regolament. L-obbligi imposti fuq il-manifatturi biex jipprovdu data preċiża skont ir-Regolament (UE) [2018/956](#) u l-multi amministrattivi li jistgħu jiġu imposti fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dak l-obbligu, jikkontribwixxu biex jiżguraw is-sodezza tad-dejta użata għall-finijiet tal-konformità mal-miri skont dan ir-Regolament.
- (31) Biex jinkiseb it-tnaqqis tas-CO₂ skont dan ir-Regolament, hu essenzjali li l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-vetturi tqal użati jkunu konformi ma' ċifri ddeterminati skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu. Għaldaqstant, jenħtieġ ikun possibbli li fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur, il-Kummissjoni tqis kwalunkwe nuqqas ta' konformità sistematika misjub mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi tqal użati.
- (32) Biex tkun f'pożizzjoni li tiegħu miżuri bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ ikollha s-setgħat biex tneġġi u timplimenta proċedura għall-verifika tal-konformità waqt is-servizz tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi tqal fis-suq. Għal dan il-għan jenħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 595/2009.
- (33) L-effikaċja tal-miri stipulati f'dan ir-Regolament biex jonqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ hi ferm dipendenti fuq ir-rappreżentanza tal-metodoloġija użata biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet tas-CO₂. Konformi mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Mekkaniżmi għall-Parir Xjentifiku (SAM)¹⁵ b'rabta mal-vetturi ħfief, jixraq ukoll fil-każ tal-vetturi tqal li jiddaħħal fis-seħħ mekkaniżmu li jivvaluta r-rappreżentanza fid-dinja reali ta' ċifri tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-enerġija ddeterminati skont ir-Regolament (UE) 2017/2400. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħat biex tiżgura d-disponibbiltà pubblika ta' dik id-data u, meta meħtieġ, jiġu żviluppati l-proċeduri meħtieġa għall-identifikazzjoni u l-ġbir tad-dejta meħtieġa għal dawn il-valutazzjonijiet.

¹⁵ Opinjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Konsulenti Xjentifiċi Nru 1/2016 "Closing the gap between light-duty vehicle real-world CO₂ emissions and laboratory testing"

- (34) Fl-2022, il-Kummissjoni jenħtieġ tivvaluta l-effikaċja tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ stabbiliti f'dan ir-Regolament u b'mod partikolari l-livell ta' tnaqqis li jrid jintlaħaq sal-2030, il-modalitajiet li jenħtieġ ikunu disponibbli biex tintlaħaq dik il-mira u lil hinn, kif ukoll l-iffissar ta' miri tat-tnaqqis tas-CO₂ għal tipi oħra ta' vetturi tqal bħat-trakkijiet iżgħar, ix-xarabanks, il-kowċis u t-trejlers. Dik il-valutazzjoni għandha tinkludi wkoll, strettament għall-fini ta' dan ir-Regolament, konsiderazzjonijiet ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi tal-istrapazz u ta' vetturi b'kont meħud [...] piżijiet u dimensjonijiet applikabbli għat-trasport nazzjonali pereżempju kunċetti modulari u intramodulari, waqt li jiġu wkoll valutati aspetti tas-sikurezza u l-effiċjenza tat-trasport possibbli, effetti intramodulari, ambjentali, infrastrutturali u ta' rikorrenza kif ukoll is-sitwazzjoni ġeografika tal-Istati Membri.
- (35) Biex ikun żgurat li l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi tal-vetturi tqal jibqgħu rappreżentattivi u aġġornati għalkollox, l-emendi fir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni tiegħu li jaffettwaw dawk iċ-ċifri jeħtieġ jiġu riflessi f'dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ jkollha s-setgħat biex tiddetermina metodoloġija għad-definizzjoni ta' vettura tqila rappreżentattiva għal kull subgrupp tal-vetturi, li skontha jenħtieġ jiġu vvalutati l-bidliet fl-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi.
- (36) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 8(3), 9(3), 11(3) u 12(2) jenħtieġ li jingħataw lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L, 55, 28.2.2011, p. 13).

- (37) Biex jiġu emendati jew issupplimentati l-elementi mhux essenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-aġġustament tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza [...] u għall-emendar tal-Annessi [...] għal dan ir-Regolament fir-rigward ta' ċerti parametri tekniċi, inkluż il-ponderazzjonijiet tal-profilu tal-missjoni, it-tagħbijiet utli, u l-kilometraġġi annwali kif ukoll il-fatturi tal-aġġustament tat-tagħbija utli. Hu importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁷. B'mod partikolari, biex jiżguraw parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħalma jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li sistematikament l-esperti tagħhom ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jieħdu ħsieb it-tħejjija tal-atti delegati.
- (38) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, notevolment l-istabbiliment ta' standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-vetturi tqal ġodda, ma jistax jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda jistgħu minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan,

¹⁷ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1 *Suġġett u għanijiet*

Sabiex jikkontribwixxu għat-twettiq tal-mira tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha bi 30 % inqas mil-livelli tal-2005 sal-2030 fis-setturi koperti bl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 2018/842, u biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u biex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, dan ir-Regolament jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda, fejn l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi tal-flotta tal-Unjoni ta' vetturi tqal ġodda għandhom jitnaqqsu, meta mqabbel mal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza, kif ġej:

- (a) Għall-perijodi ta' rapportar tas-sena 2025 'il quddiem bi 15%;
- (b) Għall-perijodi ta' rapportar tas-sena 2030 u warajha b'tal-inqas 30%, jekk jiġi kkonfermat skont ir-rieżami prevista fl-Artikolu 13.

L-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza għandhom ikunu bbażati fuq id-data tal-monitoraġġ [...] irrapportata skont ir-Regolament (UE) 2018/956 għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020, minn issa 'l quddiem "il-perijodu ta' referenza", għajr il-vetturi vokazzjonali, u għandhom jiġu kkalkulati skont il-punt 3 tal-Anness I.

Artikolu 2 *Kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vetturi ġodda tal-kategoriji N2 u N3 li jissodisfaw il-karatteristiċi li ġejjin:
 - (a) trakkijiet riġidi b'konfigurazzjoni tal-fus 4x2 u massa tat-tagħbija massima teknikament possibbli iżjed minn 16-il tunnellata;
 - (b) trakkijiet riġidi b'konfigurazzjoni tal-fus 6x2;

- (c) tratturi b'konfigurazzjoni tal-fus 4x2 u massa tat-tagħbija massima teknikament possibbli iżjed minn 16-il tunnellata;
- (d) tratturi b'konfigurazzjoni tal-fus 6x2.

Dan għand japplika wkoll, għall-finijiet tal-Artikolu 5 u tal-punt 2.3 tal-Anness I, [...] għall-vetturi tal-kategorija N li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 u li ma jissodisfawx il-karatteristiċi stabbiliti fil-punti (a) sa (d).

Il-kategoriji ta' vetturi msemmija hawn fuq jirreferu għall-kategoriji ta' vetturi kif definiti fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-vetturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitqiesu bħala vetturi tqal f'perijodu ta' 12-il xahar partikolari li jibda mill-1 ta' Lulju, jekk dawn ikunu rreġistrati fl-Unjoni għall-ewwel darba f'dak il-perijodu u ma kienu ġew qatt irreġistrati qabel barra mill-Unjoni.

Reġistrazzjoni preċedenti barra mill-Unjoni li tkun saret f'inqas minn tliet xhur qabel ir-reġistrazzjoni fl-Unjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata.

3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta proċedura speċifika għall-identifikazzjoni ta' vetturi li huma ċċertifikati bħala vetturi vokazzjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu iżda mhumiex irreġistrati bħala tali, u tapplika korrezzjonijiet għall-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi medji annwali ta' manifattur biex jitqiesu dawk il-vetturi, mill-perijodu ta' rapportar tas-sena 2021 u għal kull perijodu ta' rapportar sussegwenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

¹⁸ Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

- (a) "emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza" tfisser il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi fil-perijodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 1 tal-vetturi tqal ġodda kollha f'kull wieħed mis-subgruppi tal-vetturi, għajr il-vetturi vokazzjonali, iddeterminata skont il-punt 3 tal-Anness I;
- (b) "emissjonijiet speċifiċi" tfisser l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' vettura tqila individwali ddeterminati skont il-punt 2.1 tal-Anness I;
- (ba) "perijodu ta' rapportar tas-sena Y" tfisser il-perijodu mill-1 ta' Lulju tas-sena Y sat-30 ta' Ġunju tas-sena Y+1;
- (c) "emissjonijiet speċifiċi medji" tfisser il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi tal-vetturi tqal ġodda ta' manifattur f'perijodu ta' rapportar partikolari ddeterminat skont il-punt 2.7 tal-Anness I;
- (d) "mira ta' emissjonijiet speċifiċi" tfisser il-mira ta' manifattur individwali, espressa fi g/tkm u ddeterminata kull sena għall-perijodu ta' rapportar preċedenti skont il-punt 4 tal-Anness I;
- (e) "trakk riġidu" tfisser trakk li mhux imfassal jew mibni biex jirmonka semitrejler;
- (f) "trattur" tfisser unità ta' trattur mfassla u mibnija esklużivament jew primarjament biex tirmonka semitrejlers;
- (g) "subgrupp tal-vetturi" tfisser grupp ta' vetturi kif iddefinit fil-Punt 1 tal-Anness I, li huma kkaratterizzati minn sett komuni u distint ta' kriterji tekniċi rilevanti għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-fjuwil ta' dawn il-vetturi;

- (h) "vettura vokazzjonali" tfisser vettura tqila [...] li għaliha ġew iddeterminati l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-fjuwil, skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, biss għal profili oħra tal-missjoni għajr dawk definiti fil-punt 2.1 tal-Anness I għal dan ir-Regolament;
- (i) "manifattur" tfisser il-persuna jew il-korp responsabbli għas-sottomissjoni tad-data relatata mal-vetturi tqal ġodda skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2018/956 jew, fil-każ ta' vetturi tqal mingħajr emissjonijiet, il-persuna jew il-korp responsabbli lejn l-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE għall-vetturi sħaħ jew tal-approvazzjoni individwali skont id-Direttiva 2007/46/KE u biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni;
- (j) "vettura tqila mingħajr emissjonijiet" tfisser vettura tqila mingħajr magna tal-kombustjoni interna, jew b'magna tal-kombustjoni interna li tirrilaxxa anqas minn 1 g CO₂/kWh kif iddeterminat skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, jew li tirrilaxxa anqas minn 1 g CO₂/km kif iddeterminat skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu;
- (k) "vettura tqila b'emissjonijiet baxxi" tfisser vettura tqila li mhix vettura tqila mingħajr emissjonijiet, b'emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi ta' inqas minn 350 g CO₂/km, kif iddeterminat skont il-punt 2.1 tal-Anness I;
- (l) "profil tal-missjoni" tfisser kombinazzjoni ta' ċiklu tal-veloċità mmirata, ċifra tat-tagħbija utli, konfigurazzjoni tal-karozzerija jew tat-trejler, u parametri oħra, jekk applikabbli, li jirrifletti l-użu speċifiku ta' vettura, li abbażi tagħhom ġew iddeterminati l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-fjuwil uffiċjali ta' vettura tqila;
- (m) "ċiklu tal-veloċità mmirata" tfisser id-deskrizzjoni tal-veloċità tal-vettura li s-sewwieq irid jilħaq jew li hu limitat biha minħabba l-kundizzjonijiet tat-traffiku, bħala funzjoni tad-distanza koperta bi vjaġġ;
- (n) "tagħbija utli" tfisser il-piż tal-merkanzija jew tal-persuni li vettura qed iġorr skont kundizzjonijiet differenti.

Artikolu 4
Medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur

Mill-1 ta' Lulju 2020 u f'kull perijodu ta' rapportar sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), għal kull manifattur, l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi medji fi g/tkm għall-perijodu ta' rapportar preċedenti, billi jitqies dan li ġej:

- (a) id-data rrapportata skont ir-Regolament (UE) 2018/956 għall-vetturi tqal ġodda tal-manifattur irreġistrati fil-perijodu ta' rapportar preċedenti, għajr il-vetturi vokazzjonali;
- (b) il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi ddeterminat skont l-Artikolu 5.

L-emissjonijiet speċifiċi medji għandhom jiġu kkalkulati b'konformità mal-Punt 2.7 tal-Anness I.

Artikolu 5
Vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi

1. Mill-1 ta' Lulju 2020 u għal kull perijodu ta' rapportar sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), għal kull manifattur, il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi msemmija fl-Artikolu 4(b) għall-perijodu ta' rapportar preċedenti.

Il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi għandu jqis l-għadd u l-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi fil-flotta tal-manifattur f'perijodu ta' rapportar, inkluż il-vetturi mingħajr emissjonijiet tal-kategoriji msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1), kif ukoll il-vetturi vokazzjonali mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi.

Il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi għandu jiġi kkalkulat skont il-punt 2.3 tal-Anness I.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi għandhom jitqiesu kif ġej:
 - (a) il-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet għandhom jingħaddu bħala żewġ (2) vetturi;
 - (b) il-vetturi tqal b'emissjonijiet baxxi għandhom jingħaddu sa massimu ta' żewġ (2) vetturi skont funzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi tagħhom u l-livell limitu tal-emissjonijiet ta' 350 g CO₂/km.
3. Il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi għandu jnaqqas l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur b'massimu ta' 3 %. Il-kontribut tal-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet fil-kategoriji msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) għal dak il-fattur għandu jnaqqas l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur b'massimu ta' 1,5 %.

Artikolu 6

[...] Mira tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur

Mill-1 ta' Lulju 2026 u għal kull perijodu ta' rapportar sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), għal kull manifattur, mira tal-emissjonijiet speċifiċi fil-perijodu ta' rapportar preċedenti. Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għandha tkun is-somma tal-multiplikazzjonijiet ta' dawn iċ-ċifri, għas-subgruppi kollha tal-vetturi:

- (a) il-mira tat-tnaqqis tas-CO₂ imsemmija fl-Artikolu 1(a) jew (b), kif applikabbli;
- (b) l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza;
- (c) is-sehem tal-vetturi li għandu l-manifattur f'kull subgrupp ta' vetturi;
- (d) il-fatturi tal-kilometraġġ annwali u tal-ponderazzjoni tat-tagħbija utli applikati għal kull subgrupp.

Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għandha tiġi kkalkulata skont il-Punt 4 tal-Anness I.

Artikolu 7
Krediti u djun tal-emissjonijiet

1. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-konformità ta' manifattur mal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu fil-perijodi ta' rapportar tas-snin 2025-2029, għandhom jitqiesu l-krediti tal-emissjonijiet jew id-djun tal-emissjonijiet tiegħu, li jikkorrispondu għall-għadd ta' vetturi tqal ġodda, għajr il-vetturi vokazzjonali, tal-manifattur f'perijodu ta' rapportar, immultiplikati bid-differenza bejn:
- (a) it-trajettorja tat-tnaqqis tas-CO₂ imsemmija fil-paragrafu 2 u l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur, jekk id-differenza tkun pożittiva ("il-krediti tal-emissjonijiet");
 - (b) l-emissjonijiet speċifiċi medji u l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur, jekk dik id-differenza tkun pożittiva (id-djun tal-emissjonijiet").

Il-krediti tal-emissjonijiet għandhom jinkisbu tul il-perijodi ta' rapportar tas-snin 2019-2029. Iżda l-krediti miksuba tul il-perijodi ta' rapportar tas-snin 2019-2024 għandhom jitqiesu għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-konformità tal-manifattur [...] mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tal-perijodu ta' rapportar tas-sena 2025 biss.

Id-djun tal-emissjonijiet għandhom jinkisbu tul il-perijodi ta' rapportar tas-snin 2025-2029, iżda d-djun totali ma għandhomx jaqbu 1-5 % tal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tal-manifattur fil-perijodu ta' rapportar tas-sena 2025, immultiplikati bl-għadd ta' vetturi tqal tal-manifattur f'dak il-perijodu ("il-limitu tad-djun tal-emissjonijiet").

Il-krediti u d-djun tal-emissjonijiet miksuba fil-perijodi ta' rapportar tas-snin 2025 sa 2028, meta jkunu disponibbli, għandhom jiġu riportati minn perijodu ta' rapportar għal ieħor sal-perijodu ta' rapportar tas-sena 2029, meta d-djun tal-emissjonijiet li jkun fadal għandhom jixxejnu.

2. It-trajettorja tat-tnaqqis tas-CO₂ [...] għandha tiġi stabbilita għal kull manifattur skont il-punt 5.1 tal-Anness I, abbażi ta' trajettorja lineari bejn l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1 u [...] l-mira speċifikata għall-perijodu ta' rapportar tas-sena 2025 fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, u bejn [...] il-mira għall-perijodu ta' rapportar tas-sena 2025 u l-mira applikabbli mill-perijodu ta' rapportar tas-sena 2030 'il quddiem.

Artikolu 8
Konformità mal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi

1. Meta manifattur jinstab li għandu emissjonijiet żejda skont il-paragrafu 2 f'perijodu ta' rapportar partikolari mill-2025 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għall-emissjonijiet żejda kkalkulat skont il-formula li ġejja:
- (il-primjum għall-emissjonijiet żejda) = (l-emissjonijiet żejda x 6 800 €/gCO₂/tkm)
2. Manifattur għandu jitqies li għandu emissjonijiet żejda fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:
- (a) Jekk, fi kwalunkwe perijodu ta' rapportar tas-snin bejn l-2025 u l-2028, is-somma tad-djun tal-emissjonijiet mingħajr is-somma tal-krediti tal-emissjonijiet tkun taqbeż il-limitu tad-dejn tal-emissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 7(1);
- (b) Fil-perijodu ta' rapportar tas-sena 2029, meta s-somma tad-djun tal-emissjonijiet mingħajr is-somma tal-krediti tal-emissjonijiet tkun akbar miż-żero;
- (c) Mill-perijodu ta' rapportar tas-sena 2030 'il quddiem, meta l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifattur ikunu jaqbżu l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu.

L-emissjonijiet żejda f'perijodu ta' rapportar partikolari għandhom jiġu kkalkulati skont il-punt 6 tal-Anness I.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-modi għall-ġbir ta' primjums għall-emissjonijiet eċċessivi taħt il-paragrafu 1 [...]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

4. L-ammonti tal-primjum għall-emissjonijiet żejda għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Artikolu 9
Verifika tad-data ta' monitoraġġ

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien, b'kull devjazzjoni misjuba fl-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi tqal waqt is-servizz meta mqabbla maċ-ċifri indikati fiċ-ċertifikati tal-konformità jew fil-fajl tal-klijenti b'riżultat tal-verifiki mwettqa skont il-proċedura msemmija fl-[Artikolu 5(4)(l)] tar-Regolament (KE) Nru 595/2009.
2. Il-Kummissjoni għandha tqis dawk id-devjazzjonijiet għall-finijiet tal-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur.
3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri għar-rapportar ta' dawn id-devjazzjonijiet u biex jitqiesu fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji. Dawk [...] l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 9a
Valutazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta proċedura għall-valutazzjoni u, jekk applikabbli, il-korrezzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza biex tiżgura ir-rappreżentattività tagħha biex isservi bħala bażi għall-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet għall-flotta kollha tal-UE. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 10

Pubblikazzjoni tad-data u tal-prestazzjoni tal-manifattur

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati sat-30 ta' April ta' kull sena, biex tindika:
 - (a) mill-1 ta' Lulju 2020, għal kull manifattur, l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi medji tiegħu fil-perijodu ta' rapportar preċedenti, kif imsemmi fl-Artikolu 4;
 - (b) mill-1 ta' Lulju 2020, għal kull manifattur, il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi fil-perijodu ta' rapportar preċedenti, kif imsemmi fl-Artikolu 5;
 - (c) mill-1 ta' Lulju 2026, għal kull manifattur, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu għall-perijodu ta' rapportar preċedenti, kif imsemmi fl-Artikolu 6;
 - (d) mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2031, għal kull manifattur, it-trajettorja tat-tnaqqis tas-CO₂ tiegħu, il-krediti tal-emissjonijiet tiegħu u, mill-1 ta' Lulju 2026, id-djun tal-emissjonijiet tiegħu fil-perijodu ta' rapportar preċedenti, kif imsemmi fl-Artikolu 7;
 - (e) mill-1 ta' Lulju 2026, għal kull manifattur, l-emissjonijiet żejda tiegħu fil-perijodu ta' rapportar preċedenti, kif imsemmi fl-Artikolu 8;
 - (f) mill-1 ta' Lulju 2020, il-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi għall-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fil-perijodu ta' rapportar preċedenti.

Għall-pubblikazzjoni sat-30 ta' April 2021, il-lista għandha tinkludi l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza msemmija fl-Artikolu 1.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 15 li jaġġustaw l-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u b'konformità ma' dan li ġej:

- (a) meta l-ponderazzjonijiet tal-profil tal-missjoni jew iċ-ċifri tat-tagħbija utli jkunu ġew aġġustati skont l-Artikolu 12(1)(b) jew (c), skont il-proċedura stabbilita fil-Punt 1 tal-Anness II;
- (b) meta [...] fatturi tal-aġġustament ikunu ġew ddeterminati skont l-Artikolu 12(2), billi jiġu applikati dawk il-fatturi tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika iċ-ċifri aġġustati tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza u għandha tapplikahom għall-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tal-manifattur applikabbli fil-perijodi ta' rapportar li jibdew mid-data ta' applikazzjoni tal-atti delegati li jaġġustaw iċ-ċifri.

Artikolu 11

Emissjonijiet tas-CO₂ u konsum tal-enerġija fid-dinja reali

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tivvaluta r-rappreżentanza fid-dinja reali ta' iċ-ċifri tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-valuri tal-konsum tal-fjuwil iddeterminati fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 595/2009. Din għandha tiżgura li l-pubbliku jkun infurmat kif dik ir-rappreżentanza qed tevolvi maż-żmien.
2. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tal-inqas il-parametri li ġejjin relatati mal-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-enerġija ta' vetturi tqal fid-dinja reali ikunu disponibbli f'intervalli regolari lill-Kummissjoni, sa mill-1 ta' Jannar 2021, mill-manifatturi, l-awtoritajiet nazzjonali jew permezz tat-trasferiment dirett ta' data mill-vetturi, skont il-każ:
 - (a) in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;
 - (b) fjuwil u/jew enerġija elettrika kkunsmata;
 - (c) total tad-distanza vvjaġġata;

(d) piż tat-tagħbija utli;

(e) għal vetturi elettriċi ibridi karikabbli esternament, l-enerġija tal-fjuwil u tal-elettriku kkunsmati u d-distanza vvjaġġata distribwiti fuq il-modalitajiet ta' sewqan differenti.

Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-data li tirċievi biex toħloq sett ta' dejta anonimizzat u aggregat għall-finijiet tal-paragrafu 1. In-numri ta' identifikazzjoni tal-vetturi għandhom jintużaw biss għall-fini tal-ipproċessar tad-data u m'għandhomx jinżammu aktar milli jkun meħtieġ għal dak il-għan.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta r-regoli dettaljati dwar il-proċedura għall-ġbir u l-ipproċessar tad-data msemmija fil-paragrafu [...] 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 12

Aġġustamenti fl-Annessi I u II

1. Biex ikun żgurat li l-parametri tekniċi użati għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur skont l-Artikolu 4 u l-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi skont l-Artikolu 6 jqisu l-progress tekniku u l-iżvilupp tal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 15 biex temenda d-dispożizzjonijiet li ġejjin stabbiliti fl-Annessi I u II
- (a) L-entrati għat-tip ta' kabina u għall-potenza tal-magna stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness I u d-definizzjonijiet ta' "kabina tal-irqad" u "kabina tal-jum" imsemmija f'dik it-Tabella;
 - (b) Il-ponderazzjonijiet tal-profil tal-missjoni stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness I;
 - (c) Iċ-ċifri tat-tagħbija utli stabbiliti fit-Tabella 3 tal-Anness I, u l-fatturi tal-aġġustament tat-tagħbija stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness II;
 - (d) Iċ-ċifri tal-kilometraġġ annwali stabbiliti fit-Tabella 4 tal-Anness I.

2. Meta l-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu jiġu modifikati b'emendi għajr dawk previsti fil-paragrafu 1(b) u (c) biex il-livell tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-vetturi rappreżentattivi definiti skont dan il-paragrafu jżied jew jonqos b'aktar minn 5 g CO₂/km, il-Kummissjoni għandha tapplika aġġustament, b'konformità mal-Artikolu 10(2)(b), għall-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza msemmija fl-Artikolu 10(1) li għandhom jiġu kkalkulati b'konformità mal-formula stabbilita fil-punt 2 tal-Anness II.
3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni[...], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi metodoloġija għad-definizzjoni ta' vettura rappreżentattiva waħda jew aktar ta' subgrupp tal-vetturi, inkluż l-istatistika tal-ponderazzjonijiet tagħhom, li skontha għandu jiġi ddeterminat l-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li titqies id-data tal-monitoraġġ irrapportata skont ir-Regolament (UE) 2018/956 u l-karatteristiċi tekniċi tal-vetturi elenkati fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2017/2400. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 13 Rieżami u Rappurtar

Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effettività ta' dan ir-Regolament, il-mira tat-tnaqqis tas-CO₂ applikabbli mill-2030 [...], l-istabbiliment ta' miri tat-tnaqqis tas-CO₂ għal tipi oħra ta' vetturi tqal inkluż it-trejlers u l-introduzzjoni ta' miri tat-tnaqqis vinkolanti għall-2035 u l-2040 'il quddiem għal vetturi tqal. Dak ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni tal-effettività tal-modalitajiet li jindirizzaw, b'mod partikolari, is-sistema ta' kreditu tas-CO₂ u l-adegwatezza tal-estensjoni tal-applikazzjoni ta' dawk il-modalitajiet fl-2030 u lil hinn. Barra minn hekk ir-rapport għandu jivvaluta l-modalitajiet li jindirizzaw il-vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi, [...] b'kont meħud tal-miri stipulati fid-Direttiva 2009/33/KE¹⁹, [...] bil-ħsieb li, mill-2025 'il quddiem, is-sistema ta' kreditu supplementari tiġi sostitwita, kif previst fl-Artikolu 5, b'mekkaniżmu ta' inċentiv ibbażat fuq l-istabbiliment ta' punti ta' riferiment xierqa għall-bejgħ annwali ta' vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi. Fejn xieraq, din il-valutazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn proposta għall-emenda ta' dan ir-Regolament.

¹⁹ Id-Direttiva 2009/33/KE dwar Vetturi Nodfa kif emendata bid-Direttiva .../.../UE

Artikolu 14
Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) Nru .../2018 [Governanza]. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Meta l-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 15
Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hi mogħtija lill-Kummissjoni, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 10(2) u 12(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal [...] perijodu ta' [...] ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza ta' kull perijodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 10(2) u 12(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 10(2) u 12(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jkun esprimew l-ebda oġġezzjoni għalih fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż għal xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 16
Emenda għar-Regolament (KE) Nru 595/2009

[...] L-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 595/2009 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (e) jinbidel b'dan li ġej:

"(e) L-emissjonijiet tas-CO₂ il-konsum tal-fjuwil, il-konsum elettriku u l-medda elettrika tas-sewqan;"

(b) il-punti (l) u (m) li ġejjin għandhom jiżdiedu:

"(l) proċedura li tivverifika, abbażi ta' kampjuni xierqa u rappreżentattivi, jekk il-vetturi li jkun għew irreġistrati u daħlu fis-servizz huma konformi mal-emissjonijiet tas-CO₂ il-konsum tal-fjuwil, il-konsum elettriku u l-medda elettrika tas-sewqan iddeterminati skont dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu;

(m) il-kejl u r-reġistrazzjoni fil-vettura tal-konsum tal-fjuwil u tal-elettriku ta' vetturi bil-mutur u tat-tagħbijiet utli u l-kilometraġġ ta' vetturi bil-mutur u trejlers."

Artikolu 16a
Emenda fir-Regolament (UE) 2018/956 (HDV M&R)

Ir-Regolament (UE) 2018/956 huwa emendat kif ġej:

(a) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u [ir-Regolament dwar l-Istandards HDV CO2]."

(b) il-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Mill-1 ta' Jannar 2019, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw id-data speċifikata fil-Parti A tal-Anness I relatata ma' vetturi tqal ġodda rreġistrati għall-ewwel darba fl-Unjoni.

Sat-30 ta' Settembru ta' kull sena, mill-2020 'il quddiem, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jirrapportaw din id-data tal-perijodu ta' rapportar mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju lill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' rapportar stabbilita fl-Anness II.

Fir-rigward tal-2019, id-data rrapportata fit-30 ta' Settembru 2020 għandha tinkludi d-dejta mmonitorjata mill-1 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020.

Id-data relatata ma' vetturi ġodda li ġew irreġistrati qabel barra mill-Unjoni ma għandhiex tiġi mmonitorjata u rrapportata, sakemm dik ir-reġistrazzjoni ma tkunx saret inqas minn tliet xhur qabel ir-reġistrazzjoni fl-Unjoni."

(c) il-paragrafu 1 tal-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Mis-snin tal-bidu stabbiliti fil-punt 1 tal-Parti B tal-Anness I, il-manifatturi tal-vetturi tqal għandhom jimmonitorjaw id-data speċifikata fil-punt 2 tal-Parti B tal-Anness I, għal kull vettura tqila ġdida.

Sat-30 ta' Settembru ta' kull sena, mis-snin tal-bidu stabbiliti fil-punt 1 tal-Parti B tal-Anness I, il-manifatturi ta' vetturi tqal għandhom jirrapportaw dik id-data għal kull vettura tqila għada b'data tas-simulazzjoni li taqa' fil-perijodu ta' rapportar mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju lill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' rapportar stabbilita fl-Anness II.

Fir-rigward tal-2019, il-manifatturi għandhom jirrapportaw id-data għal kull vettura tqila għada b'data tas-simulazzjoni li taqa' fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020.

Id-data tas-simulazzjoni għandha tkun id-data rrapportata skont l-entrata tad-data 71 fil-punt 2 tal-Parti B tal-Anness I."

(d) il-paragrafu 1 tal-Artikolu 10 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Sat-30 ta' April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali bl-analiżi tagħha tad-data trasmessa mill-Istati Membri u l-manifatturi għall-perijodu ta' rapportar preċedenti."

(e) il-punt 3.2 tal-Anness II jinbidel b'dan li ġej:

" 3.2. Id-data relatata ma' vetturi tqal irreġistrati fil-perijodu ta' rapportar preċedenti u rreġistrati fir-Reġistru għandha tkun magħmula pubblika sat-30 ta' April ta' kull sena, mill-2021, bl-eċċezzjoni tal-entrati tad-dejta speċifikati fl-Artikolu 6(1)."

Artikolu 16b

Emenda fir-Regolament (KE) Nru 661/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 1, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi ġodda tal-kategorija O fir-rigward tal-prestazzjoni ambjentali tagħhom."

(b) Fl-Artikolu 14(3), jiżdiedu l-punti (c) u (d):

" (c) il-miżuri li jivvalutaw il-prestazzjoni ta' vetturi tal-kategorija O fir-rigward tal-influenza tagħhom fuq l-emissjonijiet tas-CO2, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum elettriku u l-medda elettrika tas-sewqan ta' vetturi bil-mutur.

(d) **rekwiżiti tekniċi** għal-kejl u r-reġistrazzjoni fil-vettura tat-tagħbijiet utli ta' vetturi tal-kategorija O."

Artikolu 17
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

Kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi medji, u l-emissjonijiet żejda

1. SUBGRUPPI TAL-VETTURA

Kull vettura tqila ġdida għandha tiġi attribwita lil xi wieħed mis-subgruppi definiti fit-Tabella 1 skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fiha.

Tabella 1 – Subgruppi tal-vettura (sg)

Vetturi tqal	Tip ta' kabina	Potenza tal-magna	Subgrupp tal-vettura (sg)
Trakkijiet riġidi b'konfigurazzjoni tal-fus 4x2 u massa tat-tagħbija massima teknikament possibbli > 16-il tunnellata	Kollha	<170 kW	4-UD
	B'kabina tal-jum	≥170 kW	4-RD
	B'kabina tal-irqad	≥170 kW u <265 kW	
	B'kabina tal-irqad	≥265 kW	4-LH
Trakkijiet riġidi b'konfigurazzjoni tal-fus 6x2	B'kabina tal-jum	Kollha	9-RD
	B'kabina tal-irqad		9-LH
Tratturi b'konfigurazzjoni tal-fus 4x2 u massa tat-tagħbija massima teknikament possibbli > 16-il tunnellata	B'kabina tal-jum	Kollha	5-RD
	B'kabina tal-irqad	< 265 kW	
	B'kabina tal-irqad	≥ 265 kW	5-LH
Tratturi b'konfigurazzjoni tal-fus 6x2	B'kabina tal-jum	Kollha	10-RD
	B'kabina tal-irqad		10-LH

"Kabina tal-irqad" tfisser tip ta' kabina li għandha kompartment wara s-sit tas-sewwieq maħsub għall-irqad kif irrapportat skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/956.

"Kabina tal-jum" tfisser tip ta' kabina li mhix kabina tal-irqad.

Jekk xi vettura tqila ġdida ma tkunx tista' tiġi attribwita għal subgrupp tal-vettura għax l-informazzjoni dwar it-tip ta' kabina jew il-potenza tal-magna ma tkunx disponibbli, din għandha tiġi attribwita għas-subgrupp ta' vetturi għal distanzi twal (long-haul, LH) li jkun jikkorrispondi għat-tip ta' xażi tagħha (trakk riġidu jew trattur) u l-konfigurazzjoni tal-fus (4x2 jew 6x2).

Meta xi vettura tqila ġdida tiġi attribwita għas-subgrupp 4-UD, iżda d-data dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ fi g/km ma tkunx disponibbli għall-profil tal-missjoni UDL jew UDR kif definit fit-Tabella 2 tal-punt 2.1, il-vettura tqila ġdida għandha tiġi attribwita għas-subgrupp 4-RD.

2. KALKOLU TAL-EMISSJONIJIET SPEĊIFIĊI MEDJI TA' MANIFATTUR

2.1. Kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi ta' vettura tqila ġdida

L-emissjonijiet speċifiċi fi g/km (CO_{2v}) ta' vettura tqila ġdida *v*, attribwita għal subgrupp *sg* għandhom jiġu kkalkulati skont il-formula li ġejja:

$$CO_{2v} = \sum_{mp} W_{sg,mp} \times CO_{2v,mp}$$

Fejn,

$\sum mp$ hi s-somma tal-profil tal-missjoni kollha *mp* elenkati fit-Tabella 2;

sg hu s-subgrupp li għalih tkun ġiet attribwita l-vettura tqila ġdida *v* skont it-Taqsima 1 tal-Anness;

$W_{sg,mp}$ hu l-piż tal-profil tal-missjoni speċifikat fit-Tabella 2;

$CO_{2v,mp}$ huma l-emissjonijiet tas-CO₂ fi g/km ta' vettura tqila ġdida *v* iddeterminati għal profil tal-missjoni *mp* u rrapportati skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/956

L-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi ta' vettura tqila mingħajr emissjonijiet għandhom jiġu stabbiliti bħala 0 g CO₂/km.

L-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi ta' vettura vokazzjonali għandhom ikunu l-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ fi g/km irrappurtati skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/956.

Tabella 2 – Piżijiet tal-profil tal-missjoni ($W_{sg,mp}$)

Subgrupp tal-vettura (<i>sg</i>)	Profili tal-missjoni ¹ (<i>mp</i>)						
	RDL	RDR	LHL	LHR	UDL	UDR	REL, RER, LEL, LER
4-UD	0	0	0	0	0,5	0,5	0
4-RD	0,45	0,45	0,05	0,05	0	0	0
4-LH	0,05	0,05	0,45	0,45	0	0	0
9-RD	0,27	0,63	0,03	0,07	0	0	0
9-LH	0,03	0,07	0,27	0,63	0	0	0
5-RD	0,27	0,63	0,03	0,07	0	0	0
5-LH	0,03	0,07	0,27	0,63	0	0	0
10-RD	0,27	0,63	0,03	0,07	0	0	0
10-LH	0,03	0,07	0,27	0,63	0	0	0

¹Definizzjonijiet tal-profil tal-missjoni

RDL	It-tagħbija utli tal-ġarr reġjonali hi baxxa
RDR	It-tagħbija utli tal-ġarr reġjonali hi rappreżentattiva
LHL	It-tagħbija utli tal-ġarr fit-tul hi baxxa
LHR	It-tagħbija utli tal-ġarr fit-tul hi rappreżentattiva
UDL	It-tagħbija utli tal-ġarr urban hi baxxa
UDR	It-tagħbija utli tal-ġarr urban hi rappreżentattiva
REL	It-tagħbija utli (EMS) tal-ġarr reġjonali hi baxxa
RER	It-tagħbija utli (EMS) tal-ġarr reġjonali hi rappreżentattiva
LEL	It-tagħbija utli (EMS) tal-ġarr fit-tul hi baxxa
LER	It-tagħbija utli (EMS) tal-ġarr fit-tul hi rappreżentattiva

2.2. L-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi medji tal-vetturi tqal ġodda f'subgrupp għal manifattur

Għal kull manifattur u għal kull perijodu ta' rapportar, l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi medji fi g/tkm ($avgCO2_{sg}$) tal-vetturi tqal ġodda kollha f'subgrupp *sg* għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$avgCO2_{sg} = \frac{\sum_v CO2_v}{V_{sg} \times PL_{sg}}$$

Fejn,

$\sum v$	hi s-somma tal-vetturi tqal ġodda tal-manifattur fis-subgrupp <i>sg</i> għajr il-vetturi vokazzjonali skont l-Artikolu 4(a).
$CO2_v$	huma l-emissjonijiet tas-CO ₂ speċifiċi ta' vettura tqila ġdida <i>v</i> iddeterminati skont il-punt 2.1;
V_{sg}	hu l-għadd ta' vetturi tqal ġodda tal-manifattur fis-subgrupp <i>sg</i> għajr il-vetturi vokazzjonali skont l-Artikolu 4(a);
PL_{sg}	hi t-tagħbija utli medja tal-vetturi fis-subgrupp <i>sg</i> kif iddeterminat fil-punt 2.5.

2.3. Kalkolu tal-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u tal-emissjonijiet baxxi kif imsemmi fl-Artikolu 5

Għal kull manifattur u għal kull perijodu ta' rapportar, il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u tal-emissjonijiet baxxi (ZLEV) imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$ZLEV = V / (V_{conv} + V_{zlev}) \quad b'minimu ta' 0,97$$

Fejn:

V	hu l-għadd ta' vetturi tqal ġodda tal-manifattur għajr il-vetturi vokazzjonali skont l-Artikolu 4(a).
V_{conv}	hu l-għadd ta' vetturi tqal ġodda tal-manifattur għajr il-vetturi vokazzjonali skont l-Artikolu 4(a) u għajr il-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi;
V_{zlev}	hi s-somma ta' V_{in} u V_{out} ,

Fejn,

$V_{in} = \sum_v \left(1 + \left(1 - \frac{CO2_v}{350} \right) \right)$
h \sum_v i-somma tal-vetturi tqal kollha mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi bil-karatteristiċi stabbiliti fl-Artikolu 2(1)(a) sa (d);

$CO2_v$ huma l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi fi g/km ta' vettura tqila mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi v iddeterminati skont il-punt 2.1.

V_{out} hu l-għadd totali ta' vetturi tqal mingħajr emissjonijiet tal-kategoriji msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1), immultiplikat bi 2, u sa massimu ta' 1,5% ta' V_{conv} .

2.4. Kalkolu tas-sehem tal-manifattur ta' vetturi fis-subgrupp

Għal kull manifattur u għal kull perijodu ta' rapportar, is-sehem ta' vetturi tqal ġodda f'subgrupp $share_{sg}$ għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$share_{sg} = \frac{V_{sg}}{V}$$

Fejn,

V_{sg} hu l-għadd ta' vetturi tqal ġodda tal-manifattur f'subgrupp sg għajr il-vetturi vokazzjonali kollha skont l-Artikolu 4(a);

V hu l-għadd ta' vetturi tqal ġodda tal-manifattur għajr il-vetturi vokazzjonali skont l-Artikolu 4(a).

2.5. Kalkolu taċ-ċifri tat-tagħbija utli medja tal-vetturi kollha f'subgrupp

Iċ-ċifra tat-tagħbija utli medja PL_{sg} ta' vettura f'subgrupp sg għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

$$PL_{sg} = \sum_{mp} W_{sg,mp} \times PL_{sg,mp}$$

Fejn,

\sum_{mp} hi s-somma tal-profil tal-missjoni kollha mp

$W_{sg,mp}$ hu l-piż tal-profil tal-missjoni speċifikat fit-Tabella 2 taħt il-punt 2.1

$PL_{sg,mp}$ hi ċ-ċifra tat-tagħbija attribwita lill-vetturi fis-subgrupp sg għall-profil tal-missjoni mp , kif speċifikata fit-Tabella 3.

Tabella 3 – Ċifri tat-tagħbija utli $PL_{sg, mp}$ (f'tunnellati)

Subgrupp tal-vettura <i>sg</i>	Profili tal-missjoni ¹ <i>mp</i>									
	RDL	RDR	LHL	LHR	UDL	UDR	REL	RER	LEL	LER
4-UD	0,9	4,4	1,9	14	0,9	4,4	3,5	17,5	3,5	26,5
4-RD										
4-LH										
5-RD	2,6	12,9	2,6	19,3	2,6	12,9	3,5	17,5	3,5	26,5
5-LH										
9-RD	1,4	7,1	2,6	19,3	1,4	7,1	3,5	17,5	3,5	26,5
9-LH										
10-RD	2,6	12,9	2,6	19,3	2,6	12,9	3,5	17,5	3,5	26,5
10-LH										

¹ Ara d-definizzjonijiet tal-profil tal-missjoni taħt it-Tabella 2 tal-punt 2.1

2.6. Kalkolu tal-fattur tal-kilometraġġ u tal-peżar tat-tagħbija utli

Il-fattur tal-kilometraġġ u tal-peżar tat-tagħbija utli (MPW_{sg}) ta' subgrupp *sg* hu ddefinit bħala l-multiplikazzjoni tal-kilometraġġ annwali speċifikat fit-Tabella 4 u ċ-ċifra tat-tagħbija utli għal kull subgrupp speċifikata fit-Tabella 3 tal-punt 2.5, normalizzata għaċ-ċifra rispettiva għas-subgrupp 5-LH, u għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$MPW_{sg} = \frac{(AM_{sg} \times PL_{sg})}{(AM_{5-LH} \times PL_{5-LH})}$$

Fejn,

AM_{sg} hu l-kilometraġġ annwali speċifikat fit-Tabella 4 għall-vetturi fis-subgrupp rispettiv

AM_{5-LH} hu l-kilometraġġ annwali speċifikat għas-subgrupp 5-LH fit-Tabella 4

PL_{sg} hu kif iddeterminat fil-punt 2.5

PL_{5-LH} hi t-tagħbija utli medja għas-subgrupp 5-LH kif iddeterminat fil-punt 2.5.

Tabella 4 – Kilometraġġi annwali

Subgrupp tal-vettura sg	Kilometraġġ annwali AM_{sg} (f'km)
4-UD	60 000
4-RD	78 000
4-LH	98 000
5-RD	78 000
5-LH	116 000
9-RD	73 000
9-LH	108 000
10-RD	68 000
10-LH	107 000

2.7. Kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi medji fi g/tkm ta' manifattur imsemmi fl-Artikolu 4

Għal kull manifattur u għal kull perijodu rapportar, l-emissjonijiet tas-CO₂ fi g/tkm (CO₂) għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$CO_2 = ZLEV \times \sum_{sg} share_{,sg} \times MPW_{sg} \times avgCO_{2,sg}$$

Fejn,

\sum_{sg} hi s-somma tas-subgruppi kollha;

ZLEV hu kif iddeterminat fil-punt 2.3

share_{,sg} hu kif iddeterminat fil-punt 2.4

MPW_{sg} hu kif iddeterminat fil-punt 2.6

avgCO_{2,sg} hu kif iddeterminat fil-punt 2.2

3. KALKOLU TAL-EMISSIONIJET TAS-CO₂ TA' REFERENZA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

L-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza (rCO_{2,sg}) għandhom jiġu kkalkulati għal kull subgrupp sg abbażi tal-vetturi tqal ġodda kollha tal-manifatturi kollha tal-perijodu ta' referenza kif ġej:

$$rCO_{2,sg} = \frac{\sum_v (CO_{2v} / PL_{sg})}{rV_{sg}}$$

Fejn,

\sum_v hi s-somma tal-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fil-perijodu ta' referenza fis-subgrupp sg għajr il-vetturi vokazzjonali kollha skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1;

CO_{2v}	huma l-emissjonijiet tas-CO ₂ speċifiċi tal-vettura v iddeterminati skont il-punt 2.1 u, jekk applikabbli, aġġustati skont l-Anness II;
V_{sg}	hu l-għadd tal-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fil- <u>perijodu ta' referenza</u> fis-subgrupp sg għajr il-vetturi vokazzjonali kollha skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1;
PL_{sg}	hi t-tagħbija utli medja tal-vetturi fis-subgrupp sg kif iddeterminat fil-punt 2.5.

4. KALKOLU TAL-MIRA TAL-EMISSIONIJET SPEĊIFIĊI TA' MANIFATTUR IMSEMMI FL-ARTIKOLU 6

Għal kull manifattur u għal kull perijodu ta' rapportar, mill-1 ta' Lulju 2025 'il quddiem, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi T għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

$$T = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times (1 - rf) \times rCO_{2sg}$$

Fejn,

\sum_{sg} hi s-somma tas-subgruppi kollha;

$share_{sg}$ hu kif iddeterminat fil-punt 4 tat-Taqsima 2;

MPW_{sg} hu kif iddeterminat fil-punt 6 tat-Taqsima 2;

rf hi l-mira tat-tnaqqis tas-CO₂ (f' %) applikabbli fil-perijodu ta' rapportar speċifiku;

rCO_{2sg} hu kif iddeterminat fit-Taqsima 3.

5. IL-KREDITI U D-DJUN TAL-EMISSIONIJET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 7

5.1. Kalkolu tat-trajettorja ta' tnaqqis tas-CO₂ għall-krediti tal-emissjonijiet

Għal kull manifattur u għal kull perijodu ta' rapportar tas-snin Y mill-2019 sal-2030, it-trajettorja tal-emissjonijiet tas-CO₂ (ET_Y) hi ddefinita kif ġej:

$$ET_Y = \sum_{sg} share_{sg} \times MPW_{sg} \times R-ET_Y \times rCO_{2sg}$$

Fejn,

$\sum_{sg} (...)$ hi s-somma tas-subgruppi kollha;

$share_{sg}$ hu kif iddeterminat fil-punt 4 tat-Taqsima 2;

MPW_{sg} hu kif iddeterminat fil-punt 6 tat-Taqsima 2;

rCO_{2sg} hu kif iddeterminat fit-Taqsima 3;

Fejn,

għall-perijodi ta' rapportar tas-snin Y mill-2019 sal-2025:

$$R-ET_Y = (1-rf_{2025}) + rf_{2025} \times (2025 - Y)/6$$

u, għall-perijodi ta' rapportar tas-snin Y mill-2026 sal-2030:

$$R-ET_Y = (1-rf_{2030}) + (rf_{2030} - rf_{2025}) \times (2030 - Y)/5$$

rf_{2025} u rf_{2030} huma l-miri tat-tnaqqis tas-CO₂ (f' %) applikabbli għall-perijodi ta' rapportar tas-snin 2025 u 2030 [...] rispettivament.

5.2. Kalkolu tal-kreditu u d-djun tal-emissjonijiet f'kull perijodu ta' rapportar

Għal kull manifatturi u għal kull perijodu ta' rapportar tas-snin Y mill-2019 sal-2029 il-kreditu tal-emissjonijiet (cCO_2Y) u d-djun tal-emissjonijiet (dCO_2Y) għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

Jekk $CO_2Y < ET_Y$:

$$cCO_2Y = (ET_Y - CO_2Y) \times V_Y \quad \text{u}$$

$$dCO_2Y = 0$$

Jekk $CO_2Y > T_Y$ għas-snin 2025 sa 2029:

$$dCO_2Y = (CO_2Y - T_Y) \times V_Y \quad \text{u}$$

$$dCO_2Y = 0$$

Fil-bqija tal-każijiet kollha, dCO_2Y u cCO_2Y huma stabbiliti bħala 0.

Fejn,

ET_Y hi t-trajettorja tal-emissjoni tal-manifattur fil-perijodu ta' rapportar tas-sena Y iddeterminata skont il-punt 5.1;

CO_2Y hu l-emissjonijiet speċifiċi medji fil-perijodu ta' rapportar tas-sena Y iddeterminati skont il-punt 2.7;

T_Y hu l-mira ta' emissjoni speċifika tal-manifattur fil-perijodu ta' rapportar tas-sena Y iddeterminata skont it-Taqsima 4;

V_Y hu l-għadd ta' vetturi tqal ġodda tal-manifattur fil-perijodu ta' rapportar tas-sena Y għajr il-vetturi vokazzjonali kollha skont l-Artikolu 4(a).

5.3. Limitu tad-djun tal-emissjonijiet

Għal kull manifattur, il-limitu tad-djun tal-emissjonijiet ($limCO_2$) hu ddefinit kif ġej:

$$limCO_2 = T_{2025} \times 0,05 \times V_{2025}$$

Fejn

T_{2025} hu l-mira ta' emissjoni speċifika tal-manifattur fil-perijodu ta' rapportar tas-sena 2025 iddeterminata skont it-Taqsima 4;

V_{2025} hu l-għadd ta' vetturi tqal ġodda tal-manifattur fil-perijodu ta' rapportar tas-sena 2025 għajr il-vetturi vokazzjonali kollha skont l-Artikolu 4(a).

5.4. Il-krediti tal-emissjonijiet miksuba qabel is-sena 2025

Id-djun tal-emissjonijiet miksuba għall-perijodu ta' rapportar tas-sena 2025 għandhom jitnaqqsu b'ammont ($redCO_2$) li jikkorrispondi għall-krediti tal-emissjonijiet miksuba qabel dan il-perijodu ta' rapportar, li huma ddeterminati għal kull manifattur kif ġej:

$$redCO_2 = \min(dCO_{2025}; \sum_{Y=2019}^{2024} cCO_2Y)$$

Fejn,

\min hu l-minimu taż-żewġ ċifri msemmija bejn il-parenteżi;

$\sum_{Y=2019}^{2024}$ hi s-somma tul il-perijodi ta' rapportar tas-snin Y mill-2019 sal-2024;

dCO_{2025} huma d-djun tal-emissjonijiet għall-perijodu ta' rapportar tas-sena 2025 iddeterminati skont il-punt 5.2;

cCO_2Y huma l-krediti tal-emissjonijiet għall-perijodu ta' rapportar tas-sena Y iddeterminati skont il-punt 5.2.

6. DETERMINAZZJONI TAL-EMISSIONIJET ŻEJDA TAL-MANIFATTUR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(2)

Għal kull manifattur u għal kull perijodu ta' rapportar mis-sena 2025 'il quddiem, iċ-ċifra tal-emissjonijiet żejda ($exeCO_2Y$) għandha tiġi ddeterminata kif ġej, jekk iċ-ċifra hi pożittiva:

Għall-perijodu ta' rapportar tas-sena 2025

$$exeCO_{2025} = dCO_{2025} - \sum_{Y=2019}^{2025} cCO_2Y - limCO_2$$

Għall-perijodi ta' rapportar tas-snin Y mill-2026 sal-2028

$$exeCO2_Y = \sum_{I=2025}^Y (dCO2_I - cCO2_I) - \sum_{I=2025}^{Y-1} exeCO2_I - redCO2 - limCO2$$

Għall-perijodu ta' rapportar tas-sena 2029

$$exeCO2_Y = \sum_{I=2025}^{2029} (dCO2_I - cCO2_I) - \sum_{J=2025}^{2028} exeCO2_J - redCO2$$

Għall-perijodi ta' rapportar tas-snin Y mill-2030 'il quddiem

$$exeCO2_y = (CO2_y - T_y) \times V_y$$

Fejn,

$\sum_{Y=2019}^{2025}$ hi s-somma tul il-perijodi ta' rapportar tas-snin Y mill-2019 sal-2025;

$\sum_{I=2025}^Y$ hi s-somma tul il-perijodi ta' rapportar tas-snin I mill-2025 sas-sena Y;

$\sum_{J=2025}^{Y-1}$ hi s-somma tul il-perijodi ta' rapportar tas-snin J mill-2025 sas-sena (Y-1);

$\sum_{J=2025}^{2028}$ hi s-somma tul il-perijodi ta' rapportar tas-snin J mill- 2025 sal-2028;

$\sum_{I=2025}^{2029}$ hi s-somma tul il-perijodi ta' rapportar tas-snin I mill-2025 sal-2029;

$dCO2_Y$ huma d-djun tal-emissjonijiet għall-perijodu ta' rapportar tas-sena Y kif iddeterminati skont il-punt 5.2;

$cCO2_Y$ huma l-krediti tal-emissjonijiet għall-perijodu ta' rapportar tas-sena Y iddeterminati skont il-punt 5.2;

$limCO2$ hu l-limitu tad-djun tal-emissjonijiet kif iddeterminat skont il-punt 5.3;

$redCO2$ hu t-tnaqqis fid-djun tal-emissjonijiet tal-perijodu ta' rapportar tas-sena 2025 kif iddeterminat skont il-punt 5.4.

Fil-bqija tal-każijiet kollha, iċ-ċifra ta' emissjonijiet żejda exeCO2Y għandha tiġi stabbilita bħala 0.

ANNEX II

Proċeduri ta' aġġustament

1. IL-FATTURI TAL-AĠĠUSTAMENT TAT-TAGHBIIJA UTLI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 12(1)(C)

Soġġett għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(2)(a), għall-finijiet tal-kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza msemmi fl-Artikolu 1, għandhom jintużaw il-piżijiet tal-profil tal-missjoni u ċ-ċifri tat-tagħbija utli applikabbli fil-perijodu ta' rapportar meta l-bidliet imsemmija fl-Artikolu 12(1)(c) jieħdu effett għall-vetturi tqal ġodda kollha u l-emissjonijiet tas-CO₂ fi g/km ta' vettura tqila v iddeterminati għal profil ta' missjoni mp imsemmi fit-Tabella 2 fil-punt 2.1 tal-Anness I għandhom jiġu aġġustati kif ġej:

$$CO2_{v,mp} = CO2(RP)_{v,mp} \times (1 + PL_{sg,mp} \times (PL_{sg,mp} - PL(RP)_{sg,mp}))$$

Fejn

sg hu s-subgrupp li għalih tappartjeni l-vettura v;

$CO2(RP)_{v,mp}$ huma l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi ta' vettura v fi g/km, kif iddeterminati fuq il-profil tal-missjoni mp u abbażi tad-data tal-monitoraġġ [...] tal-2019 għall-perijodu ta' referenza rrapportata skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/956;

$PL(RP)_{sg, mp}$ hi ċ-ċifra tat-tagħbija utli li kienet attribwita għall-vettura v fis-subgrupp sg fuq il-profil tal-missjoni mp fil-perijodu ta' referenza, skont it-Tabella 3 tal-punt 2.5 tal-Anness I, għall-finijiet tal-istabbiliment tad-data tal-monitoraġġ [...] għall-perijodu ta' referenza rrapportata skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/956;

$PL_{sg, mp}$ hi ċ-ċifra tat-tagħbija utli attribwita għall-vetturi fis-subgrupp sg fuq il-profil tal-missjoni mp fil-perijodu ta' rapportar meta l-bidliet imsemmija fl-Artikolu 12(1)(c) jieħdu effett għall-vetturi tqal ġodda kollha, skont it-Tabella 3 tal-punt 2.5 tal-Anness I;

$PL_{sg, mp}$ hu l-fattur tal-aġġustament tat-tagħbija utli ddefinit fit-Tabella 5.

Tabella 5 – Fatturi tal-aġġustament tat-tagħbija utli *PLa_{sg, mp}*

PL_{sg, mp} (f'1/tunnellati)		Profili tal-missjoni <i>mp</i>¹				
		RDL, RDR	REL, RER	LHL, LHR	LEL, LER	UDL, UDR
Subgrupp tal- vettura <i>sg</i>	4-UD	0,026	N.A.	0,015	N.A.	0,026
	4-RD					
	4-LH					
	5-RD	0,022	0,022	0,017	0,017	0,022
	5-LH					
	9-RD	0,026	0,025	0,015	0,015	0,026
	9-LH					
	10-RD	0,022	0,021	0,016	0,016	0,022
10-LH						

¹ ara d-definizzjonijiet tal-profil tal-missjoni fil-punt 1 tat-Taqsima 2 tal-Anness I.

2. IL-FATTURI TAL-AĠĠUSTAMENT IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10(2)(B)

Soġġett għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(2)(b), għall-finijiet tal-kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' referenza msemmi fl-Artikolu 1, għandhom jintużaw il-piżijiet tal-profil tal-missjoni u ċ-ċifri tat-tagħbija utli applikabbli fil-perijodu ta' rapportar meta l-bidliet imsemmija fl-Artikolu 12(1)(c) jieħdu effett għall-vetturi tqal ġodda kollha u l-emissjonijiet tas-CO₂ fi g/km ta' vettura tqila v iddeterminati għal profil ta' missjoni *mp* imsemmi fil-punt 2.1 tal-Anness I għandhom jiġu aġġustati kif ġej:

$$CO2_{v,mp} = CO2(RP)_{v,mp} \times (\sum_r s_{r,sg} \times CO2[...]_{r,mp}) / (\sum_r s_{r,sg} \times CO2(RP)_{r,mp})$$

Fejn

\sum_r hi s-somma tal-vetturi rappreżentattivi kollha *r* għas-subgrupp *sg*;

sg hu s-subgrupp li għalih tappartjeni l-vettura *v*;

$s_{r,sg}$ hu l-piż statistiku tal-vettura rappreżentattiva *r* fis-subgrupp *sg*;

$CO2(RP)_{v,mp}$ huma l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi ta' vettura *v* fi g/km, kif iddeterminati fuq il-profil tal-missjoni *mp* u abbażi tad-data tal-monitoraġġ [...] tal-2019 għall-perijodu ta' referenza rrapportata skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/956;

$CO_2(RP)_{r,mp}$

huma l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi tal-vettura rappreżentattiva r fi g/km, kif iddeterminati fuq il-profil tal-missjoni mp skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu fil-perijodu ta' referenza meta ġie ddeterminat is- $CO_2(RP)_{v,mp}$;

$CO_{2r,mp}$

huma l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi tal-vettura rappreżentattiva r , kif iddeterminati fuq il-profil tal-missjoni mp skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu fil-perijodu ta' rapportar meta l-bidliet imsemmija fl-Artikolu 12(2) jieħdu effett għall-vetturi tqal ġodda kollha.

Il-vettura rappreżentattiva għandha tiġi ddefinita skont il-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 12(3).
